MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 327/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Il-kontendenti zzewgu fil-wiehed u tletin (31) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997), gewwa l-Knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni, fil-Hamrun.  Minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx ulied (Dok. A);
2. Permezz ta’ att pubbliku datat erbgha u ghoxrin (24) ta’ April tas-sena elfejn u tlieta (2003) in atti tan-Nutar Sandra Valentino, giet dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet (Dok B).  Minn dak iz-zmien, il-partijiet qatt ma regghu ikkonvivew; dan l-istat ta’ fatt ilu ghalhekk fis-sehh ghal aktar minn hdax-il sena;
3. Ma hemmx kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-partijiet, u dan il-ghaliex l-ebda manteniment ma huwa dovut minn xi parti lill-ohra. Inoltre l-esponenti jiddikjara illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejnu u bejn C D.  Ghaldaqstant, ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti bis-shih;
4. L-esponenti qieghed jikkoferma l-kontenut ta’ dan ir-rikors bil-gurament tieghu;

Talab  in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, kif mahsub fis-Sub-titolu IV tat-Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta ta’ l-intimata, li in forza taghha eccepiet :

Illi hija ma topponix ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti b’dan illi tirrileva li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ta’ bejn il-kontendenti in atti Nutar Dr Sandra Valentino (kopja hawn annessa Dok DB1) ghandhom jibqghu invarjati u inalterati anke bil-pronunzjament tad-divorzju de quo;

Bl-Ispejjez kontra r-rikorrenti bhala l-parti li intavola l-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Awissu 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ April 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar pendenzi ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------